

Paġna ewlenija>Kwistjonijiet tal-familja u wirt>Proprietà fiż-żwieġ u fis-sħubijiet ċivili>Il-Konsegwenzi Patrimonjali ta' Sħubijiet Irreġistrati
Il-Konsegwenzi Patrimonjali ta' Sħubijiet Irreġistrati

Ġermanja

1 Hemm forum differenti ta' "sħubijiet irreġistrati" f'dan l-Istat Membru? Spjega d-differenzi bejn il-forom differenti?

Minn mindu l-liġi li introduciat id-dritt tal-persuni tal-istess sess li jżewġu (*Gesetz zur Einführung des Rechts auf Eheschließung für Personen gleichen Geschlechts*) dañlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017, m'għadux possibbli li wieħed jidħol fi sħubijiet reġistrati fil-Ġermanja. Il-koppji tal-istess sess issa jistgħu jżewġu bl-istess mod bħall-koppji ta' sess oppost. Is-sħubijiet diġà rreġistrati jistgħu jiġu konvertiti fi żwigi. Madankollu, ma hemm l-ebda obbligu biex isir dan; is-sħubijiet reġistrati eżistenti jistgħu jkomplu fl-istess forma bħal qabel.

2 Hemm reġim ta' proprietà statutorju għas-sħubijiet irreġistrati f'dan l-Istat Membru? X'jipprevedi? Għal liema forum ta' "sħubija rreġistrata" japplika?

Skont il-Liġi dwar is-Sħubijiet Registrati (*Gesetz über die Eingetragene Lebenspartnerschaft*), il-koppji tal-istess sess setgħu jidħlu fi sħubijiet reġistrati fil-Ġermanja minn Awwissu 2001 sa Settembru 2017 inkluż. Il-konsegwenzi legali ta' sħubija rreġistrata kienu (u għadhom) fil-biċċa l-kbira mmudellati fuq il-konsegwenzi legali taż-żwieġ.

3 Is-sħab, kif jistgħu jirregolaw ir-reġim tal-proprjetà tagħhom? X'inhuma r-rekwiżiti formali f'dan il-każ?

Is-sħab reġistrati huma soġġetti għar-reġim tal-proprjetà tal-komunità tal-akkwisti akkumulati (*Zugewinnngemeinschaft*) sakemm ma jiftehmux mod ieħor permezz ta' kuntratt ta' sħubija rreġistrata. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-reġim statutorju tal-proprjetà għaż-żwigi japplikaw mutatis mutandis għas-sħubijiet reġistrati (it-Taqsima 6 tal-Liġi dwar is-Sħubijiet Registrati). Jista' jiġi stabbilit reġim tal-proprjetà differenti (separazzjoni tal-proprjetà - *Gütertrennung* - jew komunità tal-proprjetà - *Gütergemeinschaft*) permezz tal-kuntratt ta' sħubija rreġistrata (it-Taqsima 7 tal-Liġi dwar is-Sħubijiet Registrati).

4 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' kif jiġi regolat reġim tal-proprjetà?

L-informazzjoni ta' hawn fuq dwar ir-reġimi tal-proprjetà għaż-żwigi japplika mutatis mutandis għas-sħubijiet reġistrati.

5 X'inhuma l-effetti legali tax-xoljiment jew l-annullament fuq il-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?

Jekk is-sħab reġistrati jisseparaw, wieħed mis-sħab reġistrati jista' jitlob il-manteniment mis-sieħeb l-ieħor b' mod proporzjonali għall-kundizzjonijiet tal-għajxien, is-saħħa tal-qligħ u ċ-ċirkostanzi finanzjarji taż-żewġ sieħba reġistrati. Id-dispożizzjonijiet dwar il-manteniment f'każ ta' separazzjoni japplikaw mutatis mutandis (it-Taqsima 12 tal-Liġi dwar is-Sħubijiet Registrati). Fir-rigward tal-manteniment wara t-tmiem tas-sħubija rreġistrata, id-dispożizzjonijiet dwar il-manteniment ta' wara ż-żwieġ u l-ugwalizzazzjoni tal-pensjonijiet (*Versorgungsausgleich*) japplikaw mutatis mutandis (it-Taqsimiet 16 u 20 tal-Liġi dwar is-Sħubijiet Registrati).

6 X'inhuma l-effetti legali tal-mewt fuq il-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?

Id-dritt statutorju tas-suċċessjoni ta' sieħeb reġistrat huwa ekwivalenti għal dak ta' konjuġi (it-Taqsima 10 tal-Liġi dwar is-Sħubijiet Registrati).

7 Liema awtorità għandha l-kompetenza li tiddeċiedi f'każ relatat mal-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?

Qorti tal-Familja (*Familiengericht*) għandha l-ġurisdizzjoni biex tisma' kawżi dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Dawn il-każijiet jikkostitwixxu kwistjonijiet ta' sħubija rreġistrata, u japplikaw id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedimenti ta' divorzju.

8 X'inhuma l-effetti tal-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata fuq ir-relazzjonijiet legali bejn sieħeb u parti terza?

Persuna fi sħubija rreġistrata ġeneralment tkun responsabbli għad-djun proprji tagħha u bl-assi proprji biss tagħha, li huwa l-każ ukoll skont il-liġi tal-proprjetà matrimonjali. Dan jeskludi t-tranżazzjonijiet għall-kopertura raġonevoli tal-ħtiġijiet ta' kuljum tal-familja (it-Taqsima 8(2) tal-Liġi dwar is-Sħubijiet Registrati) flimkien mat-Taqsima 1357 tal-Kodiċi Ċivili). Il-kummenti dwar ir-restrizzjonijiet possibbli fuq id-dritt ta' disponiment japplikaw mutatis mutandis.

9 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura għad-diviżjoni, inklużi l-partizzjoni, id-distribuzzjoni u l-likwidazzjoni, tal-proprjetà tas-sħubija rreġistrata f'dan l-Istat Membru.

Id-dar tal-familja u l-oġġetti tad-dar jistgħu jinqasmu matul is-separazzjoni (it-Taqsimiet 13 u 14 tal-Liġi dwar is-Sħubijiet Registrati) jew wara x-xoljiment tas-sħubija rreġistrata (it-Taqsima 17 tal-Liġi dwar is-Sħubijiet Registrati) flimkien mat-Taqsimiet 1568a u b tal-Kodiċi Ċivili).

10 X'inhuma l-proċedura u d-dokumenti jew l-informazzjoni tipikament meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Jekk is-sħab jagħżlu l-komunità tal-proprjetà (*Gütergemeinschaft*) bħala r-reġim tal-proprjetà tagħhom, huma jridu jissottomettu l-kuntratt ta' sħubija rreġistrata notarili lill-uffiċċju tar-reġistru tal-artijiet u japplikaw għar-rettifika tar-reġistru tal-artijiet. Fil-każijiet l-oħra kollha, jiġifieri, jekk is-sħab jagħżlu reġim tal-proprjetà li ma jkunx il-komunità tal-proprjetà, m'hemmx bżonn ta' rettifika tar-reġistru tal-artijiet.

L-aħħar aġġornament: 02/11/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.